SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

4 ta' Marzu 2020*

"Appell – Kompetizzjoni – Kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi – Regolament (KE) Nru 139/2004 – Artikolu 4(1) – Obbligu ta' notifika minn qabel tal-konċentrazzjonijiet – Artikolu 7(1) – Obbligu ta' sospensjoni – Artikolu 7(2) – Eżenzjoni – Kunċett ta' 'konċentrazzjoni waħda' – Artikolu 14(2) – Deċiżjoni li timponi multi għall-implimentazzjoni ta' konċentrazzjoni qabel in-notifika u l-awtorizzazzjoni tagħha – Prinċipju ta' *ne bis in idem* – Prinċipju ta' imputazzjoni – Konkors ta' istanzi differenti ta' ksur"

Fil-Kawża C-10/18 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fil-5 ta' Jannar 2018,

**Mowi ASA**, li kienet Marine Harvest ASA, stabbilita f'Bergen (in-Norveġja), irrappreżentata minn R. Subiotto, QC,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-proċedura li hija:

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn M. Farley u F. Jimeno Fernández, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, S. Rodin, D. Šváby u K. Jürimäe (Relatur) u N. Piçarra, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: M. Longar, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-22 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2019,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

## Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Mowi ASA, li kienet Marine Harvest ASA, titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Ottubru 2017, Marine Harvest vs Il-Kummissjoni (T-704/14, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2017:753), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 5089 final tat-23 ta' Lulju 2014 li timponi multa għall-implimentazzjoni ta' konċentrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (Każ M. 7184 – Marine Harvest/Morpol (proċedura Artikolu 14(2)) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), u, sussidjarjament, l-annullament jew it-tnaqqis tal-multi li ġew imposti fuqha.

### Il-kuntest ġuridiku

2 Il-premessi 5, 6, 8, 20 u 34 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet [konċentrazzjonijiet]) (ĠU 2004, L 24, p. 1), jgħidu li:

"(5) […] għandu jkun assigurat li l-proċess ta' riorganizzazzjoni ma jwassalx għal ħsara fil-kompetizzjoni li ddum tinħass; il-liġi Komunitarja għandha, għaldaqstant, tinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw dawk il-konċentrazzjonijiet li jistgħu jfixklu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu.

(6) Għaldaqstant, hemm il-bżonn ta' strument legali speċifiku li jippermetti li jsir kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet kollha skond l-effett tagħhom fuq l-istruttura tal-kompetizzjoni [fl-Unjoni Ewropea]. Dan l-istrument għandu jkun l-uniku strument li japplika għal dawn il-konċentrazzjonijiet. […]

[…]

(8) Id-dispożizzjonijiet li ħa jkunu adottati b'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal bidliet strutturali sinifikanti li l-impatt tagħhom fuq is-suq jinħass ukoll lil hinn mill-fruntieri nazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri. Bħala regola ġenerali, dawn it-tip ta' konċentrazzjonijiet għandhom ikunu eżaminati mill-ġdid esklużivament fuq livell Komunitarju u dan bħala applikazzjoni tas-sistema ta' '*one-stop shop*' u b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

[…]

(20) Ikun jaqbel li jiġi definit il-kunċett ta' konċentrazzjoni b'mod li jkopri operazzjonijiet li jwasslu għal bidla fil-tul fil-kontroll ta' l-impriżi konċernati u għalhekk fl-istruttura tas-suq. Għaldaqstant, huwa xieraq li fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu inklużi l-*joint ventures* kollha li jħaddmu, fuq bażi dejjiema, l-funzjonijiet kollha ta' entità ekonomika awtonoma. Barra minn hekk, huwa xieraq li jkunu meqjusa bħala konċentrazzjoni waħda dawk it-transazzjonijiet li jkunu marbuta ħafna ma xulxin fis-sens li jkunu relattati b'kundizzjoni jew jieħdu l-forma ta' serje ta' transazzjonijiet f'titoli liema transazzjonijiet isiru f'perjodu ta' żmien raġjonevolment qasir.

[…]

(34) Sabiex ikun assigurat kontroll effettiv, impriżi ma għandhomx ikunu obbligati li jagħtu notifika minn qabel dwar konċentrazzjonijiet b'dimensjoni Komunitarja wara li jikkonkludu ftehim, wara li jħabbru offerta pubblika għal jew akkwist f'interess li għandu kontroll fl-impriża. […]

L-implimentazzjoni tal-konċentrazzjonijiet għandha tkun sospiża sakemm il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni finali. Madankollu, fejn ikun xieraq u fuq talba ta' l-impriżi konċernati, għandu jkun possibbli li jsiru derogi minn din is-sospensjoni. […]"

3 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Ambitu", jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu li:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(5) u l-Artikolu 22, dan ir-Regolament għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet kollha li għandhom dimensjoni Komunitarja, kif definiti f'dan l-Artikolu."

4 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Definizzjoni ta' konċentrazzjoni", jipprevedi fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu li:

"1. Għandu jitqies li hemm konċentrazzjoni meta jkun hemm bidla fil-kontroll fuq bażi dewwiema, liema bidla tkun ir-riżultat ta':

(a) l-għaqda ta' tnejn jew aktar impriżi, jew ta' partijiet minn impriżi, li qabel kienu indipendenti, jew

(b) l-akkwist, minn persuna jew minn aktar minn persuna waħda li diġa tikkontrolla jew jikkontrollaw mill-anqas impriża waħda, jew minn impriża jew minn aktar minn impriża waħda, ta' kontroll dirett jew indirett ta' impriża jew ta' aktar minn impriża waħda, jew ta' partijiet minn impriża jew minn aktar minn impriża waħda. Dan l-akkwist jista' jsir kemm permezz tax-xiri ta' titoli jew ta' assi, permezz ta' kuntratt jew permezz ta' kull mezz ieħor.

2. Kontroll għandu jkun permezz ta' drittijiet, kuntratti, jew permezz ta' kull mezz ieħor li, separatament jew flimkien, fil-kuntest tal-fatti u tal-liġijiet involuti, jikkonferixxu l-possibbiltà li tkun eżerċitata influwenza deċiżiva fuq l-impriża, b'mod partikolari permezz ta':

(a) dritt ta' proprjetà fuq jew dritt ta' użu mill-assi kollha jew minn parti mill-assi ta' impriża

(b) drittijiet jew kuntratti li jikkonferixxu influwenza deċiżiva fuq il-komposizzjoni, l-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet ta' l-organi ta' impriża."

5 L-Artikolu 4 tal-istess regolament, intitolat "Notifika minn qabel ta' konċentrazzjonijiet u riferenza qabel in-notifika fuq talba tal-partijiet li jagħmlu n-notifika", jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu li:

"Konċentrazzjoni b'dimensjoni Komunitarja definiti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni qabel ma jiġu implimentati u wara l-konklużjoni tal-ftehim, id-dikjarazzjoni ta' l-offerta pubblika, jew l-akkwist ta' interess li għandu kontroll.

In-notifika tista' ssir ukoll meta l-impriżi konċernati juru lill-Kummissjoni li għandhom intenzjoni bi ħsieb tajjeb li jikkonkludu ftehim jew, fil-każ ta' offerta pubblika, meta jkunu ħabbru b'mod pubbliku li għandhom l-intenzjoni li jagħmlu din l-offerta, sakemm il-ftehim intenzjonat jew l-offerta intenzjonata jwasslu għal konċentrazzjoni b'dimensjoni Komunitarja.

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, il-frażi 'konċentrazzjoni notifikata' għandha tkopri wkoll konċentrazzjonijiet li għadhom ma twettqux u li kienu notifikati skond it-tieni subparagrafu. Għall-għanijiet tal-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, it-terminu 'konċentrazzjoni' jinkludi konċentrazzjonijiet li għadhom ma twettqux u li jaqgħu taħt it-tieni subparagrafu."

6 L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 139/2004, intitolat "Sospensjoni ta' konċentrazzjonijiet", jipprevedi fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu li:

"1. Konċentrazzjoni b'dimensjoni Komunitarja kif definit f'Artikolu 1, jew konċentrazzjoni li għandha tkun eżaminata mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 4(5), ma għandhiex tkun implimentata qabel tkun notifikata jew qabel ma tkun dikjarata kompatibbli mas-suq komuni permezz ta' deċiżjoni skond l-Artikoli 6(1)(b), 8(1) jew 8(2), jew a bażi ta' preżunzjoni skond l-Artikolu 10(6).

2. Il-paragrafu 1 ma għandux ifixkel l-implimentazzjoni ta' offerta pubblika jew ta' serje ta' transazzjonijiet f'titoli inklużi dawk li jistgħu jinbidlu f'titoli oħra u li tħallew jiġu negozjati f'suq bħal ma huwa borża u li permezz tagħhom kien akkwistat il-kontroll, fis-sens ta' l-Artikolu 3, minn diversi bejjiegħa. Dan sakemm:

(a) il-konċentrazzjoni tkun notifikata mingħajr dewmien lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 4; u

(b) minn jakkwista ma jeżerċitax id-drittijiet tal-vot marbuta mat-titoli konċernati jew jagħmel hekk biss sabiex iżomm il-valur totali ta' l-investimenti tiegħu u dan a bażi ta' deroga mogħtija mill-Kummissjoni skond il-paragrafu 3."

7 Skont l-Artikolu 14(2) sa (4) ta' dan ir-regolament:

"2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni, timponi multi ta' mhux aktar minn 10 % tal-valur tal-bejgħ totali ta' l-impriża konċernata fis-sens ta' l-Artikolu 5 fuq il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1)(b) jew l-impriżi konċernati meta, b'intenzjoni jew b'negliġenza, huma

(a) jonqsu milli jinnotifikaw konċentrazzjoni skond l-Artikoli 4 jew 22(3) qabel ma tkun implimentata, sakemm m'humiex awtorizzati espressament biex jagħmlu hekk fl-Artikolu 7(2) jew f'deċiżjoni meħuda skond l-Artikolu 7(3);

(b) jimplimentaw konċentrazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 7;

(ċ) jimplimentaw konċentrazzjoni li kienet dikjarata bħala inkompatibbli mas-suq komuni f'deċiżjoni meħuda skond l-Artikolu 8(3) jew ma jħarsux xi miżura ordnata f'deċiżjoni meħuda skond l-Artikolu 8(4) jew (5);

(d) jonqsu milli jħarsu kundizzjoni jew obbligu imposti b'deċiżjoni meħuda skond l-Artikoli 6(1)(b), l-Artikolu 7(3) jew l-Artikolu 8(2), it-tieni subparagrafu.

3. Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit l-ammont tal-multa, għandhom ikunu kunsidrati n-natura, l-gravità u t-tul tal-ksur.

4. Deċiżjoni meħuda skond il-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx ikunu ta' natura kriminali."

**Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża**

8 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew deskritti fil-qosor fil-punti 1 sa 37 tas-sentenza appellata, kif ġej:

"1 Ir-[rikorrenti] hija kumpannija stabbilita skont id-dritt Norveġiż elenkata fil-Borża ta' Oslo (in-Norveġja) u fil-Borża ta' New York (l-Istati Uniti), li tipprattika t-trobbija u t-trasformazzjoni primarja tas-salamun fil-Kanada, fiċ-Chili, fl-Iskozja, fil-gżejjer Faeroe, fl-Irlanda, u fin-Norveġja kif ukoll it-trobbija u t-trasformazzjoni primarja tal-ħalibatt abjad fin-Norveġja. Ir-rikorrenti twettaq ukoll attivitajiet ta' trasformazzjoni sekondarja fil-Belġju, fiċ-Chili, fl-Istati Uniti, fi Franza, fl-Irlanda, fil-Ġappun, fin-Norveġja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Polonja, u fir-Repubblika Ċeka.

### A. Akkwist mir-rikorrenti ta' Morpol

2 Fl-14 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti kkonkludiet kuntratt ta' akkwist ta' azzjonijiet ('Share Purchase Agreement', iktar 'il quddiem 'SPA') ma' Friendmall Ltd. u Bazmonta Holding Ltd. li kien jirrigwarda t-trasferiment tal-azzjonijiet li dawn il-kumpanniji kellhom fil-kapital ta' Morpol ASA.

3 Morpol hija produttriċi u trasformatriċi Norveġiża tas-salamun. [Din il-kumpannija] tipproduċi salamun għat-trobbija u toffri gamma wiesa' ta' prodotti b'valur miżjud derivati mis-salamun. Hija tipprattika t-trobbija u t-trasformazzjoni primarja tas-salamun fl-Iskozja u fin-Norveġja. Hija twettaq ukoll attivitajiet ta' trasformazzjoni sekondarja fil-Polonja, fir-Renju Unit u fil-Vjetnam. Qabel ma ġiet akkwistata mir-rikorrenti, Morpol kienet elenkata fil-Borża ta' Oslo.

4 Friendmall u Bazmonta Holding kienu kumpanniji privati b'responsabbiltà limitata kkostitwiti u rreġistrati f'Ċipru. Iż-żewġ kumpanniji kienu kkontrollati minn persuna waħda, M., fundatur u ex president-direttur ġenerali ta' Morpol.

5 Permezz ta' SPA, ir-rikorrenti akkwistat sehem f'Morpol li jammonta għal madwar 48.5 % mill-kapital azzjonist [azzjonarju] ta' Morpol. Dan l-akkwist (iktar 'il quddiem l-'akkwist ta' Diċembru 2012') ġie konkluż fit-18 ta' Diċembru 2012.

6 Fis-17 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti nediet, permezz ta' komunikazzjoni tal-Borża, li hija kienet sejra tvara offerta pubblika ta' xiri tal-azzjonijiet rimanenti ta' Morpol. Fil-15 ta' Jannar 2013, ir-rikorrenti ppreżentat, skont il-liġi Norveġiża dwar in-negozju tat-titoli, tali offerta pubblika obbligatorja ta' xiri azzjonijiet rimanenti ta' Morpol, rappreżentanti 51.5 % tal-azzjonijiet tal-kumpannija. Skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi Norveġiża, l-akkwirent ta' iktar minn terz tal-azzjonijiet ta' kumpannija kkwotata fil-Borża huwa obbligat li jippreżenta offerta obbligatorja għall-azzjonijiet rimanenti ta' din il-kumpannija.

7 Fit-23 ta' Jannar 2013, il-bord tad-diretturi ta' Morpol ħatar president-direttur ġenerali ġdid li jissostitwixxi lil M., peress li dan tal-aħħar fil-frattemp tneħħa mill-kariga b'effett mill-1 ta' Marzu 2013, sabiex jiġi ssodisfatt obbligu għal dan l-iskop li kien ġie inkluż fi SPA.

8 Wara l-ħlas u l-eżekuzzjoni tal-offerta pubblika ta' xiri fit-12 ta' Marzu 2013, ir-rikorrenti kellu total ta' 87.1 % mill-azzjonijiet ta' Morpol. Konsegwentement, permezz tal-offerta pubblika ta' xiri, ir-rikorrenti akkwistat azzjonijiet rappreżentanti madwar 38.6 % tal-kapital ta' Morpol, minbarra l-azzjonijiet rappreżentanti 48.5 % tal-kapital ta' Morpol, li hija kienet diġà akkwistat bl-akkwist ta' Diċembru 2012.

9 L-akkwist tal-azzjonijiet rimanenti ta' Morpol seħħ fit-12 ta' Novembru 2013. Fil-15 ta' Novembru 2013, waqt laqgħa ġenerali straordinarja ġie deċiż li ssir talba sabiex l-azzjonijiet ma jibqgħux ikkwotati fil-Borża ta' Oslo, li jitnaqqas in-numru ta' membri tal-bord tad-diretturi, u li jitħassar il-kumitat tal-ħatra. Fit-28 ta' Novembru 2013, Morpol ma baqgħetx ikkwotata fil-Borża ta' Oslo.

### B. Stadju ta' qabel in-notifika

10 Fil-21 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti bagħtet lill-[Kummissjoni] talba għall-ħatra ta' grupp inkarigat sabiex jipproċessa l-fajl tagħha dwar l-akkwist tal-kontroll esklużiv ta' Morpol. F'din it-talba, ir-rikorrenti informat lill-Kummissjoni li l-akkwist ta' Diċembru 2012 kien ġie konkluż u li hija ma kinitx sejra teżerċita d-drittijiet tal-vot tagħha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

11 Il-Kummissjoni talbet li tiġi organizzata telekonferenza mar-rikorrenti, li saret fil-25 ta' Jannar 2013. Matul it-telekonferenza, il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar l-istruttura tat-tranżazzjoni u kjarifiki fuq il-kwistjoni dwar jekk l-akkwist ta' Diċembru 2012 setgħax kien jagħti diġà lir-rikorrenti l-kontroll ta' Morpol.

12 Fit-12 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrenti talba għal informazzjoni dwar l-akkwist possibbli ta' kontroll effettiv ta' Morpol wara l-akkwist ta' Diċembru 2012. Hija talbet ukoll li hija tiġi pprovduta bl-aġenda u bil-minuti tal-laqgħat ġenerali ta' Morpol u tal-laqgħat tal-bord tad-diretturi ta' Morpol tal-aħħar tliet snin. Ir-rikorrenti wieġbet parzjalment għal din it-talba fid-19 ta' Frar 2013 u pproduċiet risposta sħiħa għal din tal-aħħar fil-25 ta' Frar 2013.

13 Fil-5 ta' Marzu 2013, ir-rikorrenti ppreżentat l-ewwel abbozz tal-formularju ta' notifika, kif jinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004, tal-21 ta' April 2004, li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 88) (iktar 'il quddiem l-'ewwel abbozz tal-formularju CO'). L-ewwel abbozz tal-formularju CO kien jirrigwarda essenzjalment is-suq globali li jinkludi fih it-trobbija kif ukoll it-trasformazzjoni primarja u t-trasformazzjoni sekondarja tas-salamun ta' kull oriġini.

14 Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrenti talba għal informazzjoni addizzjonali dwar l-ewwel abbozz tal-formularju CO. Fis-16 ta' April 2013, ir-rikorrenti wieġbet għal din it-talba għal informazzjoni. Il-Kummissjoni qieset li din it-tweġiba kienet inkompleta u bagħtet talbiet oħra għal informazzjoni fit-3 ta' Mejju, fl-14 ta' Ġunju u fl-10 ta' Lulju 2013. Ir-rikorrenti wieġbet għal dawn it-talbiet, rispettivament, fis-6 ta' Ġunju, fit-3 u fis-26 ta' Lulju 2013.

### C. Notifika u deċiżjoni li tawtorizza l-konċentrazzjoni b'riżerva għall-osservanza ta' ċerti impenji

15 Fid-9 ta' Awwissu 2013, [il-konċentrazzjoni] ġiet innotifikata uffiċjalment lill-Kummissjoni.

16 Waqt il-laqgħa ta' aġġornament tat-3 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti u lil Morpol bil-fatt li hija kellha dubji serji dwar il-kompatibbiltà tat-tranżazzjoni mas-suq intern sa fejn din kienet tikkonċerna suq potenzjali tas-salamun Skoċċiż.

17 Bil-għan li jiġu eliminati d-dubji serji identifikati mill-Kummissjoni, ir-rikorrenti pproponiet, fid-9 ta' Settembru 2013, obbligi skont l-Artikolu 6(2) tar-[Regolament Nru 139/2004]. Il-Kummissjoni ssuġġettat dawn l-obbligi inizjali għal konsultazzjoni tas-suq. Wara ċerti emendi, ġiet ippreżentata serje ta' obbligi finali fil-25 ta' Settembru 2013. Ir-rikorrenti obbligat ruħha li ċċedi madwar tliet kwarti tal-kapaċità ta' trobbija tas-salamun Skoċċiż li kienet kondiviża mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, biex b'hekk tmewwet id-dubji identifikati mill-Kummissjoni.

18 Fit-30 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2013) 6449 (Każ COMP/M.6850 – Marine Harvest/Morpol) (iktar 'il quddiem id-'deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni'), skont l-Artikolu 6(1)(b) u (2) tar-Regolament Nru 139/2004, li tawtorizza l-konċentrazzjoni b'riżerva għall-osservanza sħiħa tal-obbligi proposti.

19 Fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li l-akkwist ta' Diċembru 2012 kien diġà kkonferixxa lir-rikorrenti l-kontroll esklużiv effettiv ta' Morpol. Hija kkonfermat li ma setgħax jiġi eskluż ksur tal-obbligu ta' [sospensjoni] previst fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, u tal-obbligu ta' notifika, previst fl-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament. Hija rrilevat ukoll li hija setgħet teżamina, fil-kuntest ta' proċedura separata, jekk jeħtieġx li tiġi applikata sanzjoni skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

### D. Id-deċiżjoni [kontenzjuża] u l-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tagħha

20 F'ittra tat-30 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li kien hemm pendenti investigazzjoni dwar il-ksur possibbli tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

21 Fil-31 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lir-rikorrenti, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 139/2004 (iktar 'il quddiem id-'dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet'). Fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni waslet għal konklużjoni preliminari li r-rikorrenti kienet kisret b'mod intenzjonat, jew tal-inqas b'negliġenza, l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

22 Fit-30 ta' April 2014, ir-rikorrenti ppreżentat ir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fis-6 ta' Mejju 2014, ir-rikorrenti ppreżentat l-argumenti inklużi fir-risposta tagħha matul seduta. Fis-7 ta' Lulju 2014, inżammet laqgħa tal-kumitat konsultattiv fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet bejn impriżi.

23 Fit-23 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni adottat id-[deċiżjoni kontenzjuża].

24 L-ewwel tliet artikoli tad-dispożittiv tad-[deċiżjoni kontenzjuża] huma redatti kif ġej:

*'Artikolu 1*

Billi wettqet konċentrazzjoni ta' dimensjoni Komunitarja matul il-perijodu ta' bejn it-18 ta' Diċembru 2012 u t-30 ta' Settembru 2013, qabel ma din ġiet innotifikata u ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, [ir-rikorrenti] kisret l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tar-[Regolament Nru 139/2004].

*Artikolu 2*

Multa ta' EUR 10 000 000 hija imposta fuq [ir-rikorrenti] għall-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-[Regolament Nru 139/2004] previst fl-Artikolu 1.

*Artikolu 3*

Multa ta' EUR 10 000 000 hija imposta fuq [ir-rikorrenti] għall-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-[Regolament Nru 139/2004] previst fl-Artikolu 1.'

25 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, qabel xejn, qieset li r-rikorrenti kienet akkwistat il-kontroll esklużiv effettiv ta' Morpol wara l-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012, peress li r-rikorrenti kellha l-kważi ċertezza li tikseb maġġoranza fil-laqgħat ġenerali, b'kont meħud tan-numru ta' azzjonijiet tagħha (48.5 %) u tar-rata ta' preżenza ta' azzjonisti oħra fil-laqgħat ġenerali matul is-snin preċedenti.

26 Sussegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-akkwist ta' Diċembru 2012 ma kienx jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kien japplika biss għal offerti pubbliċi ta' xiri jew ta' skambju jew għal tranżazzjonijiet li bihom il-kontroll fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 139/2004 kien akkwistat 'minn diversi bejjiegħa' permezz ta' serje ta' tranżazzjonijiet fuq titoli. Skont il-Kummissjoni, f'dan il-każ, is-sehem ta' kontroll ġie akkwistat mingħand bejjiegħ wieħed, jiġifieri M., permezz ta' Friendmall u Bazmonta Holding, bil-forza tal-akkwist ta' Diċembru 2012.

27 Skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma huwiex maħsub sabiex japplika għal sitwazzjonijiet li fihom l-akkwist ta' volum kbir ta' azzjonijiet jitwettaq minn bejjiegħ wieħed u li fihom huwa faċli li jiġi stabbilit, abbażi tal-voti espressi waqt laqgħat ġenerali ordinarji u straordinarji preċedenti, dment li dan il-volum ta' azzjonijiet ma jikkonferixxix kontroll esklużiv effettiv fuq il-kumpannija fil-mira.

28 Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrilevat li l-akkwist ta' Diċembru 2012, li ġie konkluż fit-18 ta' Diċembru 2012, ma kienx jifforma parti mill-materjalizzazzjoni tal-offerta pubblika ta' xiri, li saret bejn il-15 ta' Jannar u s-26 ta' Frar 2013. Hija kkunsidrat li l-fatt li l-akkwist ta' Diċembru 2012 kien kapaċi jiskatta l-obbligu tar-rikorrenti li jvara l-offerta pubblika ta' xiri għall-azzjonijiet rimanenti ta' Morpol kien irrilevanti, peress li l-kontroll effettiv kien diġà ġie akkwistat minn bejjiegħ wieħed.

29 Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li r-riferimenti, mir-rikorrenti, ta' sorsi legali li skonthom 'diversi passi unitarji' għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu konċentrazzjoni waħda meta dawn ikunu, b'mod legali jew fattwali, is-suġġett ta' rabta kundizzjonali, jidhru li huma barra minn posthom. Hija tenfasizza li r-rikorrenti akkwistat il-kontroll ta' Morpol permezz ta' xirja waħda ta' 48.5 % tal-azzjonijiet ta' Morpol, u mhux permezz ta' tranżazzjonijiet parzjali multipli marbuta ma' elementi ta' attivi li jikkostitwixxu, fl-aħħar mill-aħħar, entità ekonomika waħda.

30 Il-Kummissjoni rrilevat li, skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 139/2004, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura, is-serjetà u t-tul tal-ksur.

31 Hija qieset li kull ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, min-natura tiegħu, jikkostitwixxi ksur serju.

32 Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-serjetà tal-ksur, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li, fl-opinjoni tagħha, il-ksur imwettaq mir-rikorrenti twettaq b'negliġenza, li l-konċentrazzjoni inkwistjoni kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, kif ukoll il-fatt li kienu jeżistu każijiet preċedenti ta' ksur proċedurali li jikkonċernaw lir-rikorrenti kif ukoll lil kumpanniji oħra.

33 Fir-rigward tat-tul tal-ksur, il-Kummissjoni rrilevat li l-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien ksur instantanju u li f'dan il-każ kien twettaq fit-18 ta' Diċembru 2012, jiġifieri fid-data li fiha twettqet il-konċentrazzjoni. Barra minn hekk hija qieset li l-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien ksur kontinwu u li f'dan il-każ, kien twettaq, mit-18 ta' Diċembru 2012 sat-30 ta' Settembru 2013, jiġifieri mid-data li fiha sar l-akkwist ta' Diċembru 2012 sad-data tal-awtorizzazzjoni tiegħu. Skont il-Kummissjoni, it-tul ta' disa' xhur u tnax il-ġurnata kien partikolarment twil.

34 Il-Kummissjoni ħaddnet, bħala ċirkustanza attenwanti, il-fatt li r-rikorrenti ma kinitx eżerċitat id-drittijiet tal-vot tagħha fi ħdan Morpol u li żammitha bħala entità separata tar-rikorrenti matul il-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjoni.

35 Barra minn hekk hija ħaddnet ukoll bħala ċirkustanza attenwanti l-fatt li r-rikorrenti kienet ippreżentat talba għall-ħatra ta' grupp xi jiem wara l-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012.

36 Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ma kkonstatatx l-eżistenza ta' ċirkustanzi aggravanti.

37 Il-Kummissjoni qieset li, fil-każ ta' impriża tad-daqs tar-rikorrenti, l-ammont tas-sanzjoni kellu jkun sostanzjali sabiex ikollu effett dissważiv. Dan iktar u iktar meta l-konċentrazzjoni inkwistjoni qajmet dubji serji [dwar] il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern."

**Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata**

9 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' Ottubru 2014, l-appellanti ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarjament, għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-multi imposti mill-Kummissjoni.

10 Insostenn tar-rikors tagħha, hija qajmet ħames motivi fejn l-ewwel u t-tielet wieħed biss huma ta' interess għall-finijiet ta' dan l-appell. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq "żball manifest ta' liġi u ta' fatt", sa fejn id-deċiżjoni kontenzjuża ċaħdet l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. It-tielet motiv kien ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ġenerali ta' *ne bis in idem*.

11 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors kollu kemm hu.

**It-talbiet tal-partijiet fl-appell**

12 Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla totalment jew parzjalment is-sentenza appellata, sa fejn din tiċħad ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni kontenzjuża;

– tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża jew, sussidjarjament, tannulla l-multi li ġew imposti fuqha jew, iktar sussidjarjament, tnaqqas sostanzjalment l-ammont ta' dawn il-multi;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż u għal spejjeż oħra li hija sostniet fir-rigward tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u quddiem il-Qorti Ġenerali;

– jekk ikun il-każ, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi mill-ġdid skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u

– tieħu kull miżura oħra li l-Qorti tal-Ġustizzja jidhrilha xierqa.

13 Il-Kummissjoni titlob li l-appell jiġi miċħud u li l-appellanti tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

**Fuq l-appell**

14 Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka żewġ aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, il-prinċipju ta' imputazzjoni u l-prinċipju li jirregola l-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur.

15 Waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-appellanti qajmet aggravju ġdid, ibbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 139/2004.

***Fuq l-ewwel aggravju***

*L-argumenti tal-partijiet*

16 L-ewwel aggravju tal-appell huwa maqsum f'żewġ partijiet.

17 Permezz tal-ewwel parti ta’ dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi, fil-punti 70, 150 u 151, kif ukoll fil-punt 230 tas-sentenza appellata, meta interpretat b’mod żbaljat il-kunċett ta’ “konċentrazzjoni waħda”, fis-sens tal-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004.

18 Billi ddeċidiet, fil-punti 70 u 230 tas-sentenza appellata, li ma kienx neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti tal-appellanti li jgħidu li kienet teżisti kundizzjonalità bejn l-akkwist ta’ Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta’ xiri inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali injorat il-kriterju rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjonijiet multipli jistgħux jiġu assimilati ma’ operazzjoni ta’ konċentrazzjoni waħda, li jinsab fil-fatt li dawn it-tranżazzjonijiet huma s-suġġett ta’ rabta kundizzjonali u mhux fil-mument li fih isseħħ l-operazzjoni li permezz tagħha jiġi akkwistat il-kontroll.

19 F’dan ir-rigward, fl-ewwel lok, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi, b’mod partikolari fil-punti 150 u 151 tas-sentenza appellata, meta qieset li l-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004 ma tikkostitwixxix il-bażi xierqa għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta’ “konċentrazzjoni waħda”. Issa, fil-fehma tagħha, din il-premessa tirrifletti b’mod ċar l-intenzjoni tal-leġiżlatur li jittratta bħala “konċentrazzjoni waħda” it-tranżazzjonijiet kollha “marbuta ħafna ma xulxin fis-sens li jkunu relattati b’kundizzjoni”.

20 Il-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, fil-punt 150 tas-sentenza appellata, li l-imsemmija premessa 20 hija biss “sentenza [waħda], qasira ħafna” u li ma tikkostitwixxix regola ta’ dritt legalment vinkolanti ma tippermettix lill-Qorti Ġenerali tinvalida l-interpretazzjoni li l-appellanti tagħti lill-kunċett ta’ “konċentrazzjoni waħda”. Fil-fatt, l-appellanti tqis li din naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-istess premessa ġiet tradotta f’regola ta’ dritt vinkolanti, jiġifieri l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, li jagħmel riferiment għall-offerti pubbliċi ta’ xiri jew ta’ skambju u għal sensiela ta’ tranżazzjonijiet f’titoli. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet din l-interpretazzjoni billi bbażat ruħha, fil-punti 106 sa 109 tas-sentenza appellata, fuq l-Avviż ġurisdizzjonali konsolidat tal-Kummissjoni taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta’ konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU 2008, C 95, p. 1), li jikkostitwixxi, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, numru ta’ linji gwida mhux vinkolanti. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali għamlet qari żbaljat tal-istess premessa 20, fil-punt 151 tas-sentenza appellata, meta affermat li, kieku kellha tiġi adottata l-istess interpretazzjoni, it-tranżazzjonijiet kollha “li jkunu suġġetti għal rabta kundizzjonali” jiġu ttrattati bħala konċentrazzjoni waħda, minkejja li ma jkunux taw lok għal akkwist ta’ kontroll.

21 Fit-tieni lok, l-appellanti tqis li l-akkwist ta’ Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta’ xiri inkwistjoni kienu s-suġġett ta’ rabta kundizzjonali u kienu, konsegwentement, jikkostitwixxu konċentrazzjoni waħda.

22 Minn naħa, hija ssostni li, f’dan il-każ, il-kundizzjoni li torbot din l-offerta pubblika ta’ xiri mal-akkwist ta’ Diċembru 2012 hija stabbilita mil-liġi Norveġiża dwar in-negozjar ta’ titoli, li tirrappreżenta l-ogħla livell ta’ kundizzjonalità possibbli. B’mod partikolari, din il-kundizzjoni tirriżulta mid-dritt Norveġiż li jimplimenta d-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ April 2004 fuq offerti ta’ xiri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 20). Issa, il-Qorti Ġenerali ma kkontestatx din iċ-ċirkustanza.

23 Min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta’ rabta kundizzjonali bejn l-offerta pubblika u l-akkwist ta’ Diċembru 2012 hija kkonfermata wkoll mill-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat imsemmi fil-punt 20 ta’ din is-sentenza, li jgħid li żewġ tranżazzjonijiet jew iktar jistgħu jkunu marbuta *de jure* u *de facto*. F’dan il-każ, l-akkwist ta’ Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta’ xiri inkwistjoni huma marbuta *de jure* minn kundizzjonalità reċiproka, sa fejn din l-offerta pubblika ta’ xiri saret obbligatorja permezz tal-implimentazzjoni tal-akkwist ta’ Diċembru 2012 u hija kontinġenti fuqu. Bl-istess mod, dawn iż-żewġ tranżazzjonijiet huma marbuta *de facto*, peress li skont il-punt 43 ta’ dan l-avviż, fuq il-livell

ekonomiku, "kull waħda mit-tranżazzjonijiet [tiddependi] neċessarjament fuq [l-implimentazzjoni] [tal-oħra]". Dawn iż-żewġ tranżazzjonijiet ġew previsti u miftiehma simultanjament u eżegwiti sabiex jintlaħaq l-istess għan ekonomiku, jiġifieri li jiġu akkwistati l-azzjonijiet pendenti kollha ta' Morpol.

24 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat ir-raġuni għall-eżistenza tal-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

25 Fl-ewwel lok, l-appellanti ssostni li l-approċċ formalistiku adottat mill-Qorti Ġenerali ma huwiex xieraq għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-għan imfittex minn din l-eżenzjoni, li teħtieġ analiżi tal-għan politiku ta' din tal-aħħar. B'hekk, il-Qorti Ġenerali adottat approċċ restrittiv billi ċaħdet, fil-punti 174 sa 189 tas-sentenza appellata, ir-rilevanza tal-Green Paper dwar ir-reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/89 (COM(2001) 745 final, iktar 'il quddiem il-"Green Paper"), li kien jirrikjedi li l-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija eżenzjoni jiġi estiż sabiex jiġu ffaċilitati l-akkwisti. Barra minn hekk, il-punt 189 tas-sentenza appellata huwa bbażat fuq distinzjoni formalistika bejn l-istrutturi ta' tranżazzjonijiet u jiċħad, b'mod żbaljat, l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 għal struttura ta' tranżazzjonijiet, meta l-kontroll jista' jkun inkiseb qabel it-tnedija ta' offerta pubblika ta' xiri.

26 Fit-tieni lok, l-għan politiku tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa li jiġu ffaċilitati l-offerti pubbliċi u l-akkwiżizzjonijiet gradwali, permezz tal-osservanza ta' kundizzjonijiet rigorużi intiżi sabiex jiġu evitati t-tibdiliet fl-istruttura tas-suq qabel ma l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni dwar il-konċentrazzjoni nnotifikata. B'hekk, ix-xerrej jista', bħala prinċipju, jakkwista azzjonijiet tal-kumpannija fil-mira, iżda ma jistax jużahom effettivament qabel ma l-Kummissjoni tawtorizza din il-konċentrazzjoni, ħaġa li ma tipprekludix lil din l-istituzzjoni milli teżerċita s-setgħat tagħha ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet.

27 Ma jkunx iġġustifikat li tiġi rrifjutata l-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 għal struttura ta' tranżazzjonijiet partikolari meta l-kontroll jista' jkun inkiseb qabel it-tnedija ta' offerta pubblika ta' xiri. Fil-punt 134 tal-Green Paper, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-akkwist ta' kumpannija kkwotata fil-Borża għandu jibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, peress li, "[f]ix-xenarji ta' din it-tip, ikun ftit li xejn prattiku u artifiċjali li jitqies li l-konċentrazzjoni sseħħ max-xiri tal-azzjoni jew tal-grupp ta' azzjonijiet li jikkonferixxu lill-akkwirent il-kontroll (*de facto*) tal-impriża fil-mira" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Għalkemm din l-affermazzjoni kienet tikkonċerna l-akkwiżizzjonijiet gradwali, hija valida wkoll għall-offerti pubbliċi ta' xiri jew ta' skambju.

28 Għalhekk, billi qieset li din id-dispożizzjoni ma kinitx tapplika għal struttura ta' tranżazzjonijiet li fiha l-kontroll seta' nkiseb qabel it-tnedija ta' offerta pubblika ta' xiri, il-Qorti Ġenerali għamlet distinzjoni formalistika bejn strutturi ta' tranżazzjonijiet, li toħloq inċertezza fir-rigward tat-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħt l-imsemmija eżenzjoni, u esponiet lix-xerrejja għal riskji prattiċi u finanzjarji importanti.

29 Fit-tielet lok, l-appellanti tirreferi għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Jannar 2005 (Każ Orkla/Elkem — COMP/M.3709), li tirrigwarda sitwazzjoni simili għal dik inkwistjoni f'dan il-każ, li fiha din l-istituzzjoni kienet aċċettat b'mod partikolari li l-akkwirent ta' sehem li jagħti lok għal offerta pubblika obbligatorja kien ikun qiegħed jesponi ruħu għal riskji finanzjarji serji fl-istennija tal-approvazzjoni ta' dan l-akkwist mill-Kummissjoni.

30 Fir-raba' lok, l-appellanti ssostni li interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, fis-sens li dan japplika għall-offerti pubbliċi kollha ta' xiri jew ta' skambju, tiffaċilita l-għanijiet tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, billi tippermetti lill-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni r-rata definittiva tas-sehem akkwistat u l-effetti varji tal-operazzjoni inkwistjoni.

31 Fil-ħames lok, l-appellanti ssostni li, f'dan il-każ, hija kkonformat ruħha mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 billi nnotifikat il-konċentrazzjoni mingħajr dewmien, jiġifieri tlett ijiem wara l-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012, u billi naqset milli teżerċita d-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma akkwistati, liema fatti l-Qorti Ġenerali ma kkontestatx.

32 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tal-appellanti u tqis li l-ewwel aggravju huwa infondat.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

33 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, li ż-żewġ partijiet tiegħu għandhom jiġu eżaminati flimkien, l-appellanti tikkontesta, essenzjalment, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, li wassalha sabiex tiċħad l-ewwel motiv għal annullament tagħha.

34 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jipprevedi li, sakemm il-kundizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni jiġu ssodisfatti, il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu ma jipprekludix l-implimentazzjoni ta' offerta pubblika ta' xiri jew ta' skambju jew ta' tranżazzjonijiet li permezz tagħhom il-kontroll, fis-sens tal-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, jiġi akkwistat mingħand diversi bejjiegħa permezz ta' sensiela ta' tranżazzjonijiet f'titoli.

35 Għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-punti 68 sa 83 tas-sentenza appellata, l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 għas-sitwazzjoni inkwistjoni f'dan il-każ, fid-dawl tal-akkwist ta' Diċembru 2012 biss.

36 Hija rrilevat, minn naħa, fil-punti 69 u 70 tas-sentenza appellata, li l-ksur tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004, ikkonstatat mill-Kummissjoni, kien jirriżulta mis-sempliċi akkwist ta' Diċembru 2012, jiġifieri mit-tranżazzjoni li permezz tagħha l-appellanti akkwistat il-kontroll ta' Morpol. Sa fejn din it-tranżazzjoni seħħet qabel l-offerta pubblika ta' xiri inkwistjoni, hija kkonkludiet li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kien irrilevanti sa fejn din id-dispożizzjoni kienet tkopri l-offerti pubbliċi ta' xiri.

37 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali eskludiet ukoll l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, sa fejn din id-dispożizzjoni tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' tranżazzjonijiet li permezz tagħhom il-kontroll, fis-sens tal-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, jiġi akkwistat mingħand diversi bejjiegħa permezz ta' sensiela ta' tranżazzjonijiet f'titoli. Kif jirriżulta mill-qari flimkien tal-punti 75 u 79 sa 81 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-appellanti akkwistat il-kontroll ta' Morpol mingħand bejjiegħ wieħed permezz ta' tranżazzjoni waħda f'titoli, jiġifieri l-akkwist ta' Diċembru 2012. Fir-rigward tal-offerta pubblika ta' xiri inkwistjoni, din saret, skont il-Qorti Ġenerali, f'data fejn l-appellanti diġà kellha l-kontroll esklużiv *de facto* ta' Morpol, minħabba l-akkwist ta' Diċembru 2012.

38 Issa, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti sostniet, essenzjalment, li l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta' xiri inkwistjoni, minħabba r-rabtiet eżistenti bejniethom, kienu jikkostitwixxu l-istadji ta' konċentrazzjoni waħda, b'tali mod li, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu ma kienx japplika għal din il-konċentrazzjoni.

39 Fil-punti 85 sa 229 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argumenti mressqa mill-appellanti insostenn ta' dan l-argument u ċaħdithom. Hija rrilevat, f'dan il-kuntest, li l-kunċett ta' "konċentrazzjoni waħda" ma huwiex intiż li japplika f'każ fejn il-kontroll esklużiv *de facto* tal-unika kumpannija fil-mira jinkiseb mingħand bejjiegħ wieħed, permezz ta' tranżazzjoni privata waħda, anki meta din tiġi segwita minn offerta pubblika obbligatorja.

40 Fil-kuntest ta' dan l-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li tali interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 hija żbaljata, sa fejn din id-dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tal-premessa 20 ta' dan ir-regolament, kellha tiġi interpretata b'mod wiesa', b'tali mod li l-imsemmija dispożizzjoni kienet applikabbli għall-akkwist ta' Diċembru 2012 u għall-offerta pubblika ta' xiri inkwistjoni, sa fejn dawn iż-żewġ tranżazzjonijiet kienu jikkostitwixxu l-istadji ta' konċentrazzjoni waħda.

41 Fl-ewwel lok, l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat, fl-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, il-kunċett ta' "konċentrazzjoni waħda", kif jirriżulta mill-premessa 20 ta' dan ir-regolament, li jikkostitwixxi, fil-fehma tagħha, il-bażi legali xierqa għal din l-interpretazzjoni.

42 F'dan ir-rigward, kif irrilevat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 91 tas-sentenza appellata, għandu jiġi kkonstatat li l-kunċett ta' "konċentrazzjoni waħda" jinsab biss fil-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004 u mhux fl-artikoli ta' dan ir-regolament.

43 Fil-punt 150 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li din il-premessa ma kienx fiha madankollu definizzjoni eżawrjenti tal-kundizzjonijiet li fihom żewġ tranżazzjonijiet jikkostitwixxu konċentrazzjoni waħda. Hija bbażat ruħha, f'dan ir-rigward, fuq in-natura speċifika tal-imsemmija premessa, li, minkejja li tista' tippermetti li tiġi ċċarata l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil dispożizzjoni legali, ma tistax tikkostitwixxi tali regola peress li ma għandhiex valur legali vinkolanti tagħha stess.

44 Issa, għalkemm, kif tirrikonoxxi l-appellanti permezz tal-argumenti li hija tinvoka, il-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004 tista' sservi bħala element ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, hija ma tistax tiddeduċi validament mill-formulazzjoni biss ta' din il-premessa interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konċentrazzjoni waħda" li ma tkunx konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk kellha, f'diversi okkażjonijiet, l-opportunità li tindika li l-premessi ta' att tal-Unjoni ma għandhomx valur legali vinkolanti u ma jistgħux jiġu invokati b'mod utli sabiex issir deroga mid-dispożizzjonijiet stess tal-att ikkonċernat u lanqas sabiex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu interpretati f'sens manifestament kuntrarju għall-formulazzjoni tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA, C-344/04, EU:C:2006:10, punt 76, kif ukoll tat-2 ta' April 2009, Tyson Parketthandel, C-134/08, EU:C:2009:229, punt 16).

45 Għaldaqstant, l-appellanti ma tistax tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni wiesgħa tal-formulazzjoni tal-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004 sabiex testendi l-portata tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

46 F'dan ir-rigward, hekk kif il-Qorti Ġenerali rrilevat fil-punt 71 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jippermetti, f'ċerti ċirkustanzi, l-implimentazzjoni ta' offerta pubblika ta' xiri qabel in-notifika tagħha lill-Kummissjoni u qabel ma din tkun ġiet awtorizzata minn din tal-aħħar, anki jekk din il-konċentrazzjoni tikkostitwixxi konċentrazzjoni ta' dimensjoni Komunitarja, fis-sens tal-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament.

47 Issa, l-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament, li jipprojbixxi l-implimentazzjoni ta' konċentrazzjoni, jillimita din il-projbizzjoni għall-konċentrazzjonijiet biss, kif iddefiniti fl-Artikolu 3 tal-istess regolament (sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Ernst & Young, C-633/16, EU:C:2018:371, punt 43).

48 Sa fejn l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jikkostitwixxi deroga mill-imsemmija projbizzjoni, għandu, sabiex tiġi ddefinita l-portata ta' din id-dispożizzjoni, jittieħed inkunsiderazzjoni l-kunċett ta' "konċentrazzjoni" li jinsab fl-imsemmi Artikolu 3 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Ernst & Young, C-633/16, EU:C:2018:371, punt 44).

49 Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 139/2004, konċentrazzjoni għandha titqies li tkun ġiet implimentata meta jkun hemm bidla fil-kontroll fuq bażi dewwiema li tirriżulta mill-amalgamazzjoni ta' żewġ impriżi jew iktar jew ta' partijiet ta' tali impriżi, jew mill-akkwist, minn persuna waħda jew iktar li diġà għandhom il-kontroll ta' mill-inqas impriża waħda jew iktar, tal-kontroll dirett jew indirett ta' impriża jew impriżi oħra jew ta' partijiet minnhom, bil-kundizzjoni li l-kontroll jirriżulta mill-possibbiltà, mogħtija minn drittijiet, kuntratti jew mezzi oħra, li tiġi eżerċitata influwenza determinanti fuq l-attività ta' impriża (sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Ernst & Young, C-633/16, EU:C:2018:371, point 45).

50 Minn dan isegwi li l-implimentazzjoni ta' konċentrazzjoni sseħħ meta l-partijiet f'konċentrazzjoni jimplimentaw tranżazzjonijiet li jikkontribwixxu sabiex jinbidel fuq bażi dewwiema l-kontroll fuq l-impriża fil-mira (sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Ernst & Young, C-633/16, EU:C:2018:371, punt 46).

51 Għalkemm il-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004 tipprevedi, ċertament, li għandhom jiġu ttrattati bħala konċentrazzjoni waħda tranżazzjonijiet li huma marbuta mill-qrib sa fejn huma suġġetti għal rabta kundizzjonali jew jieħdu l-forma ta' sensiela ta' tranżazzjonijiet f'titoli mwettqa f'perijodu ta' żmien raġonevolment qasir, huma biss it-tranżazzjonijiet li huma neċessarji sabiex wieħed jasal għal bidla fil-kontroll li jistgħu jaqgħu taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 371/49 (ara, f'dan is-sens, sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Ernst & Young, C-633/16, EU:C:2018:371, punti 48 u 49).

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 70 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa irrilevanti f'sitwazzjoni fejn l-istħarriġ jingħata fil-kuntest ta' tranżazzjoni privata inizjali minkejja li din tiġi segwita minn offerta pubblika ta' xiri, peress li din tal-aħħar ma hijiex neċessarja sabiex tasal għal bidla fil-kontroll ta' impriża kkonċernata mill-konċentrazzjoni inkwistjoni.

53 Minn dan jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ċaħdet ġustament l-argumenti tal-appellanti bbażati fuq l-eżistenza, f'dan il-każ, ta' konċentrazzjoni waħda, sa fejn, kif irrilevat, essenzjalment, fil-punt 151 tas-sentenza appellata, dawn iwasslu sabiex jiġu inklużi fil-kunċett ta' "konċentrazzjoni waħda" u, għaldaqstant, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 139/2004, tranżazzjonijiet li, għalkemm aċċessorji għall-konċentrazzjoni, ma għandhomx rabta funzjonali diretta mal-implimentazzjoni tagħha.

54 Għaldaqstant, ma jistax jiġi sostnut mill-appellanti li tranżazzjoni li ma hijiex neċessarja sabiex wieħed jasal għal bidla fil-kontroll ta' impriża, bħal offerta pubblika ta' xiri mnedija wara l-akkwist tal-kontroll tal-impriża fil-mira, taqa' taħt il-kunċett ta' "konċentrazzjoni" previst fl-Artikoli 3 u 7 tar-Regolament Nru 139/2004.

55 Konsegwentement, hemm lok li jiġu miċħuda l-argumenti tal-appellanti bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "konċentrazzjoni waħda".

56 Fit-tieni lok, l-appellanti ssostni li l-interpretazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 tmur kontra l-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, hija ssostni li l-imsemmija dispożizzjoni hija intiża sabiex tiffaċilita l-offerti pubbliċi u l-akkwiżizzjonijiet gradwali, b'tali mod li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 japplika għall-istrutturi ta' tranżazzjonijiet li fihom il-kontroll seta' ġie akkwistat qabel it-tnedija ta' offerta pubblika ta' xiri.

57 Għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti tirrikonoxxi li l-interpretazzjoni wiesgħa tagħha tal-kunċett ta' "konċentrazzjoni waħda" twassal sabiex l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jingħata portata iktar wiesgħa minn dik li tirriżulta mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

58 Fil-punti 200 u 201 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat, ġustament, u kif tammetti l-appellanti, li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jistabbilixxi eċċezzjoni għall-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, li għandha tiġi interpretata b'mod strett.

59 Issa, kif ġie rrilevat fil-punt 57 ta' din is-sentenza u kif enfasizzat il-Qorti Ġenerali fil-punti 202 sa 204 tas-sentenza appellata, l-interpretazzjoni invokata mill-appellanti twassal sabiex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

60 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argumenti tal-appellanti, ibbażati fuq il-fatt li tali interpretazzjoni hija ġġustifikata mill-għanijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ikkunsidrat, kif jirriżultaw mid-Direttiva 2004/25 jew mill-Green Paper, għandhom jiġu miċħuda.

61 Bl-istess mod, l-argument tal-appellanti li jgħid li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 tippermetti li tiġi ffaċilitata l-evalwazzjoni tal-mertu tal-konċentrazzjoni ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, tali argument, li jirrigwarda l-eżami tal-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni mas-suq intern, huwa irrilevanti għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni preliminari dwar jekk din il-konċentrazzjoni setgħetx tiġi eżentata minn notifika lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

62 Għaldaqstant, l-argumenti tal-appellanti, ibbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tal-għan imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

63 Fit-tielet lok, mill-punti 52 u 55 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-argumenti tal-appellanti, ibbażati fuq il-fatt li, minn naħa, kienet teżisti rabta kundizzjonali bejn l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta' xiri inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, l-appellanti kkonformat ruħha mal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu miċħuda.

64 Fil-fatt, kif irrilevat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punti 229 u 230 tas-sentenza appellata, sa fejn il-kunċett ta' "konċentrazzjoni waħda" ma huwiex intiż li japplika f'każ li fih il-kontroll esklużiv *de facto* jinkiseb mingħand bejjiegħ wieħed permezz ta' tranżazzjoni waħda, il-kwistjoni tal-eżistenza ta' kundizzjonalità *de jure* jew *de facto* bejn l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta' xiri inkwistjoni hija irrilevanti. L-istess konklużjoni tapplika *a fortiori* fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-appellanti osservatx il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

65 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

### *Fuq it-tieni aggravju*

66 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li, billi ddeċidiet, b'mod partikolari fil-punti 306, 319, 339 sa 344 u 362 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni setgħet timponi multi distinti fuq l-appellanti, waħda għall-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 u l-oħra għall-ksur tal-obbligu ta' sospensjoni previst fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, il-prinċipju ta' imputazzjoni u l-prinċipju li jirregola l-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur.

67 It-tieni aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet.

*Fuq l-ewwel parti*

*– L-argumenti tal-partijiet*

68 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma applikatx, f'dan il-każ, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jew, sussidjarjament, il-prinċipju ta' imputazzjoni.

69 Dan l-iżball ta' liġi jinsab, b'mod partikolari, fil-punt 344 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ż-żewġ multi distinti imposti fuq l-appellanti għall-istess aġir ma jiksrux il-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Issa, dan il-prinċipju, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jinkludi kemm projbizzjoni ta' proċeduri doppji kif ukoll projbizzjoni tal-piena doppja, fis-sens li persuna ma għandhiex tiġi ssanzjonata darbtejn għall-istess reat.

70 Fl-ewwel lok, billi qieset bħala kriterju rilevanti, fil-punt 319 tas-sentenza appellata, il-fatt li ż-żewġ multi imposti fuq l-appellanti "ġew imposti mill-istess awtorità f'waħda u fl-istess deċiżjoni", il-Qorti Ġenerali adottat interpretazzjoni formalistika u artifiċjali tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, filwaqt li jirrigwarda kull sanzjoni doppja, indipendentement mill-fatt jekk din tkunx ġiet imposta fl-istess proċedura jew fi proċeduri distinti.

71 Dan il-prinċipju jipprojbixxi li jiġu imposti diversi sanzjonijiet għall-istess aġir illegali, peress li t-tliet kundizzjonijiet ta' identiċità tal-fatti, ta' min wettaq il-ksur u tal-interess ġuridiku protett huma ssodisfatti, kif inhu l-każ f'din il-kawża. Fir-rigward tal-kriterju tal-identiċità tal-fatti u ta' min wettaq il-ksur, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, fil-punt 305 tas-sentenza appellata, li ż-żewġ multi distinti ġew imposti biss minħabba l-att imwettaq mill-appellanti, jiġifieri l-akkwist ta' Diċembru 2012. Għal dak li jirrigwarda l-identiċità tal-interess ġuridiku protett, l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huma t-tnejn intiżi sabiex jipproteġu l-istess interess ġuridiku, jiġifieri li jiżguraw li ma jiġi kkawżat ebda dannu permanenti u irreparabbli għal kompetizzjoni effettiva b'konsegwenza tal-implimentazzjoni bikrija ta' konċentrazzjonijiet.

72 Fit-tieni lok, il-punt 344 tas-sentenza appellata ma huwiex konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, li minnha jirriżulta li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* japplika fil-kuntest tal-istess deċiżjoni jew proċedura. L-appellanti tirreferi, f'dan ir-rigward, għas-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2008, Coop de France bétail et viande *et* vs Il-Kummissjoni (C-101/07 P u C-110/07 P, EU:C:2008:741), u tal-21 ta' Lulju 2011, Beneo-Orafti (C-150/10, EU:C:2011:507), kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2011, Transcatab vs Il-Kummissjoni (T-39/06, EU:T:2011:562). Barra minn hekk, ir-riferimenti magħmula mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 333 sa 338 tas-sentenza appellata, għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem huma irrilevanti, sa fejn id-dritt tal-Unjoni jipprevedi protezzjoni iktar estiża kontra s-sanzjoni doppja, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.

73 Sussidjarjament, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali naqset, b'mod żbaljat, milli tapplika l-prinċipju ta' imputazzjoni (*Anrechnungsprinzip*), li jeżiġi li tittieħed inkunsiderazzjoni l-ewwel sanzjoni imposta waqt id-determinazzjoni tat-tieni waħda u huwa applikabbli għal kull sitwazzjoni li fiha l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma huwiex kompletament applikabbli. Skont l-appellanti, la l-Kummissjoni, fil-punti 206 u 207 tad-deċiżjoni kontenzjuża, u lanqas il-Qorti Ġenerali, fil-punti 339 sa 344 tas-sentenza appellata, ma ħadu inkunsiderazzjoni l-ewwel multa meta huma imponew it-tieni waħda.

74 Il-Kummissjoni tqis, minn naħa, li l-argumenti tal-appellanti huma infondati sa fejn jikkonċernaw l-allegat ksur mill-Qorti Ġenerali tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' imputazzjoni, il-Kummissjoni tqis li, peress li l-appellanti ma

żviluppatx b'mod korrett l-argumenti tagħha jew indikat l-iżball speċifiku li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet f'dan ir-rigward, l-imsemmija argumenti għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

*– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

75 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 344 tas-sentenza appellata, li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* u l-prinċipju ta' imputazzjoni ma japplikawx għal sitwazzjoni li fiha diversi sanzjonijiet huma imposti fl-istess deċiżjoni, anki jekk dawn is-sanzjonijiet huma imposti għall-istess fatti.

76 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-prinċipju għandu jiġi osservat fil-proċeduri intiżi għall-impożizzjoni ta' multi, li jaqgħu taħt id-dritt tal-kompetizzjoni. L-imsemmi prinċipju jipprojbixxi li impriża tiġi kkundannata jew imħarrka darba oħra minħabba aġir antikompetittiv li abbażi tiegħu ġiet issanzjonata jew li fir-rigward tiegħu ġiet iddikjarata li ma hijiex responsabbli b'deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata. L-istess prinċipju huwa għalhekk intiż sabiex jipprevjeni li impriża tiġi "kkundannata jew imħarrka mill-ġdid", li jippreżupponi li din l-impriża tkun ġiet ikkundannata jew iddikjarata mhux responsabbli permezz ta' deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' April 2019, Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie, C-617/17, EU:C:2019:283, punti 28 u 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

77 Din l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* hija sostnuta mill-formulazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mir-raġuni għall-eżistenza ta' dan il-prinċipju, peress li dan l-artikolu jirrigwarda speċifikament il-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura li wasslet għal deċiżjoni definittiva dwar l-istess element materjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' April 2019, Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie, C-617/17, EU:C:2019:283, punti 30 u 32).

78 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet, fil-punt 319 tas-sentenza appellata, li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma japplikax f'dan il-każ, għar-raġuni li s-sanzjonijiet għall-ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 ġew imposti mill-istess awtorità fl-istess deċiżjoni, jiġifieri d-deċiżjoni kontenzjuża.

79 Kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 106 tal-konklużjonijiet tiegħu, din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argument tal-appellanti, ifformulat waqt is-seduta, li jgħid li s-sitwazzjoni li tat lok għas-sentenza tat-3 ta' April 2019, Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie (C-617/17, EU:C:2019:283), hija differenti minn dik li hija inkwistjoni f'din il-kawża, peress li f'dik il-kawża l-kwistjoni kienet tirrigwarda l-impożizzjoni, fil-kuntest tal-istess deċiżjoni, ta' multa għall-ksur tal-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni u ta' multa għall-ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni.

80 Fil-fatt, il-protezzjoni li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* huwa intiż li joffri kontra r-repetizzjoni ta' proċeduri li jwasslu għall-impożizzjoni ta' kundanna hija mingħajr skop fis-sitwazzjoni fejn, fl-istess deċiżjoni, jiġi applikat l-Artikolu 14(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 139/2004, għall-finijiet li jiġi ssanzjonat ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-3 ta' April 2019, Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie, C-617/17, EU:C:2019:283, punt 34).

81 Barra minn hekk, hemm lok li jiġu miċħuda l-argumenti li l-appellanti tislet mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, imsemmija fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

82 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, fil-punti 322 sa 328 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali analizzat din il-ġurisprudenza u kkonkludiet, ġustament, li la l-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas il-Qorti Ġenerali ma kienu ddeċidew fuq il-kwistjoni dwar jekk il-prinċipju ta' *ne bis in idem* japplikax

f'sitwazzjoni li fiha jiġu imposti diversi sanzjonijiet fl-istess deċiżjoni. Għaldaqstant, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 110 u 111 tal-konklużjonijiet tiegħu, din il-ġurisprudenza ma tistax turi li l-Qorti Ġenerali wettqet xi żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

83 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-argument tal-appellanti, ifformulat sussidjarjament, li jgħid li l-Qorti Ġenerali naqset, b'mod żbaljat, milli tapplika l-prinċipju ta' imputazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm huwa minnu li mill-appell jirriżulta li, permezz ta' dan l-argument, l-appellanti tfittex li tikkontesta l-punti 339 sa 344 tas-sentenza appellata, hija madankollu ma tressaq ebda element konkret li jista' juri li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, b'mod partikolari fl-imsemmija punti, li l-prinċipju ta' imputazzjoni, anki jekk jiġi preżunt li jista' jiġi invokat f'dan il-każ, ma huwiex applikabbli għal sitwazzjoni li fiha diversi sanzjonijiet huma imposti fl-istess deċiżjoni, anki jekk dawn is-sanzjonijiet huma imposti għal-istess fatti.

84 Għaldaqstant, sa fejn din il-premessa ma hijiex ikkontestata mill-appellanti, għandu jiġi kkonstatat li l-argumenti intiżi sabiex isostnu li dan il-prinċipju kien jeżiġi li l-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-ewwel sanzjoni imposta fuq l-appellanti fid-determinazzjoni tat-tieni waħda huma ineffettivi.

85 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, meta ġiet mistoqsija mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-punt waqt is-seduta, l-appellanti ppreċiżat li, billi tirreferi b'mod partikolari għall-prinċipju ta' imputazzjoni, hija kellha l-intenzjoni li targumenta dwar in-natura sproporzjonata ta' dawn is-sanzjonijiet. Dan l-argument huwa madankollu inammissibbli sa fejn hija ma fformulat l-ebda lment fir-rigward tal-punti 579 sa 631 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali evalwat speċifikament l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

86 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha.

*Fuq it-tieni parti*

*– L-argumenti tal-partijiet*

87 Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 362 tas-sentenza appellata, li l-ksur allegat tal-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 ma kienx jikkostitwixxi l-iktar ksur speċifiku u ma kienx jinkludi, għaldaqstant, il-ksur iktar ġenerali tal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament. B'dan il-mod, hija kisret il-prinċipju li jirregola l-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur.

88 Fl-ewwel lok, l-appellanti ssostni li dan il-prinċipju huwa rrikonoxxut fid-dritt internazzjonali u fl-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri. Minn dan jirriżulta li, meta att jidher li jaqa' taħt żewġ dispożizzjonijiet legali, id-dispożizzjoni prinċipalment applikabbli teskludi d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha, abbażi tal-prinċipji ta' sussidjarjetà, ta' konsum jew ta' speċjalità. Ċerti Stati Membri jipprojbixxu wkoll l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet doppji meta dawn ikunu intiżi li jissanzjonaw ksur iktar serju u ksur inqas serju li jkun inkluż fl-ewwel wieħed. Barra minn hekk, l-appellanti tenfasizza li l-ġurisprudenza stabbilita tal-qrati internazzjonali tipprojbixxi li tiġi imposta sanzjoni doppja fuq persuna meta l-ksur ta' dispożizzjoni jimplika l-ksur ta' dispożizzjoni oħra.

89 Fit-tieni lok, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punti 302, 352 u 361 tas-sentenza appellata, billi għamlet distinzjoni "technocratika" bejn l-elementi li jiddefinixxu l-obbligu ta' notifika u dawk li jiddefinixxu l-obbligu ta' sospensjoni. Il-Qorti Ġenerali qieset li l-ksur tal-ewwel wieħed minn dawn l-obbligi jikkostitwixxi ksur instantanju, filwaqt li l-ksur tat-tieni wieħed jikkostitwixxi ksur kontinwu. Issa, din id-distinzjoni hija irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura simultanja taż-żewġ istanzi ta' ksur inkwistjoni, sa fejn dawn jirreferu għall-istess aġir,

jiġifieri l-implimentazzjoni ta' konċentrazzjoni, iżda f'mumenti differenti, jiġifieri qabel, rispettivament, in-notifika u l-awtorizzazzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-imsemmija distinzjoni ma tiġġustifikax li jiġu imposti sanzjonijiet kumulattivi għall-istess aġir.

90 Fit-tielet lok, fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanti sostniet li l-ksur allegat tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jikkostitwixxi l-ksur l-iktar speċifiku u jinkludi l-ksur allegat tal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament.

91 L-appellanti tqis li l-kapaċità tal-Kummissjoni li timponi multi għandha tikkorrispondi għax-xenarji differenti previsti mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 139/2004. B'hekk, l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament u s-setgħa tal-Kummissjoni li tissanzjona l-ksur ta' dan l-artikolu, skont l-Artikolu 14(2)(b) tal-imsemmi regolament, jikkonċernaw sitwazzjoni li fiha konċentrazzjoni tkun ġiet innotifikata, iżda implimentata qabel ma tkun ġiet awtorizzata. Fin-nuqqas ta' notifika, il-fatt li konċentrazzjoni tiġi implimentata qabel in-notifika u, għaldaqstant, neċessarjament qabel ma tkun ġiet awtorizzata jikkostitwixxi l-ksur l-iktar speċifiku u l-iktar xieraq, li jwassal għall-impożizzjoni ta' multa skont l-Artikolu 14(2)(a) tal-istess regolament.

92 Matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-appellanti madankollu ppreċiżat li hija tqis, għall-kuntrarju, li l-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament, sa fejn jirreferi kemm għall-obbligu ta' notifika kif ukoll għall-obbligu ta' sospensjoni, jinkludi l-Artikolu 4(1) tal-istess regolament.

93 Skont l-appellanti, ksur tal-obbligu ta' notifika jista' jiġi kkonstatat biss jekk l-obbligu ta' sospensjoni jiġi miksur. F'dan ir-rigward, fil-punt 306 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li "l-kuntest legali attwali ma huwiex wieħed tas-soltu, sa fejn [kienu] jeżistu żewġ artikoli fir-Regolament Nru 139/2004, li skonthom il-ksur [kien] ssanzjonat b'multi fl-istess skala ta' pieni, iżda li għalihom ksur tal-ewwel artikolu [kien] jwassal neċessarjament għal ksur tat-tieni". Barra minn hekk, l-appellanti tibbaża ruħha, b'analoġija, fuq is-sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, IBP u International Building Products France vs Il-Kummissjoni (T-384/06, EU:T:2011:113, punt 109), li fiha l-Qorti Ġenerali affermat, fir-rigward tal-impożizzjoni ta' multa minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni jew l-għoti ta' informazzjoni ineżatta jew żnaturata bħala risposta għal talba għal informazzjoni, li "waħda minn dawn iż-żewġ klassifikazzjonijiet jeskludi l-possibbiltà li tiġi applikata wkoll l-oħra f'dak li jirrigwarda l-istess aġir".

94 Għalhekk, kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet fil-punti 356 u 357 tas-sentenza appellata, ma jeżistix riskju li jintlaħaq ir-riżultat "assurd" deskritt fil-punt 356, fl-ipoteżi fejn, kif issostni l-appellanti, il-ksur tal-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa kopert mill-ksur iktar ġenerali previst fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament.

95 Għall-appellanti, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni mill-Qorti Ġenerali hija konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31), li ġie ssostitwit bir-Regolament Nru 139/2004, u li kien jeżiġi li l-konċentrazzjoni tiġi nnotifikata f'terminu previst. Madankollu, din l-interpretazzjoni tkun mingħajr sens fil-kuntest tar-Regolament Nru 139/2004, li jimponi sempliċi obbligu ta' notifika tat-tranżazzjoni qabel l-implimentazzjoni tagħha, b'tali mod li ma jkunx iktar iġġustifikat li jiġu imposti sanzjonijiet kumulattivi għall-ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

96 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tal-appellanti u tqis it-tieni parti tat-tieni aggravju bħala infondat.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

97 Permezz ta' din it-tieni parti, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju li jirregola l-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur billi ddeċidiet, b'mod partikolari fil-punt 362 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ġustament issanzjonat lill-appellanti għall-ksur kemm tal-Artikolu 4(1) kif ukoll tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

98 Għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punti 348 u 349 tas-sentenza appellata, filwaqt li kkonstatat li, fid-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni, ma jeżistux regoli speċifiċi dwar il-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur, il-Qorti Ġenerali madankollu eżaminat l-argumenti tal-appellanti, ibbażati fuq il-prinċipji tad-dritt internazzjonali u tal-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri. B'hekk hija vverifikat il-punt dwar jekk ir-Regolament Nru 139/2004 kienx fih, kif issostni l-appellanti, "dispożizzjoni applikabbli prinċipalment", li teskludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-regolament.

99 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, fil-punt 350 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, li tgħid li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma ddefinixxiex ksur bħala li wieħed huwa iktar serju mill-ieħor, peress li l-ksur tal-Artikolu 4(1) u l-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huma suġġetti għall-istess limitu massimu, konformement mal-Artikolu 14(2)(a) u (b) ta' dan ir-regolament.

100 Meta għamlet tali konstatazzjoni l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi.

101 Fil-punti 294 u 295 tas-sentenza appellata, hija ġustament irrilevat, fl-osservazzjonijiet preliminari tagħha dwar ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, li, għalkemm teżisti rabta bejn dawn id-dispożizzjonijiet, sa fejn ksur tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament iwassal awtomatikament għal ksur tal-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament, il-kuntrarju madankollu ma huwiex eżatt.

102 B'hekk, fis-sitwazzjoni fejn impriża tinnotifika konċentrazzjoni qabel l-implimentazzjoni tagħha, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004, ikun għad hemm il-possibbiltà li din l-impriża tikser l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, fl-ipoteżi fejn hija timplimenta din il-konċentrazzjoni qabel ma l-Kummissjoni tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern.

103 Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 għandhom għanijiet awtonomi fil-kuntest tas-sistema ta' "one-stop shop", imsemmija fil-premessa 8 ta' dan ir-regolament.

104 Kif irrilevat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 302 tas-sentenza appellata, minn naħa, l-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament jipprevedi obbligu li tittieħed azzjoni, li jikkonsisti fl-obbligu ta' notifika tal-konċentrazzjoni qabel l-implimentazzjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 7(1) tal-istess regolament jipprevedi obbligu li ma tittiħidx azzjoni, jiġifieri li din il-konċentrazzjoni ma tiġix implimentata qabel in-notifika u l-awtorizzazzjoni tagħha.

105 Ir-Regolament Nru 139/2004 jipprevedi, fl-Artikolu 14(2)(a) u (b) tiegħu, multi distinti għall-ksur ta' kull wieħed minn dawn l-obbligi.

106 Għaldaqstant, għalkemm, kif issostni l-appellanti, fil-kuntest tar-Regolament Nru 139/2004, effettivament ma huwiex possibbli li jiġi previst ksur tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament indipendentement minn ksur tal-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament, xorta jibqa' l-fatt li, kif il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod korrett fil-punti 296 u 297 tas-sentenza appellata, dan l-istess regolament jipprevedi l-possibbiltà, konformement mal-Artikolu 14(2)(a) u (b) tiegħu, li jiġu imposti multi distinti, fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn l-istanzi ta' ksur, fis-sitwazzjoni fejn dawn tal-aħħar jitwettqu fl-istess ħin, permezz tal-implimentazzjoni ta' konċentrazzjoni qabel in-notifika tagħha lill-Kummissjoni.

107 L-interpretazzjoni magħmula mill-appellanti, li tgħid li, f'tali sitwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tissanzjona biss il-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, sa fejn din id-dispożizzjoni tinkludi l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament, ma tistax tiġi aċċettata.

108 Fil-fatt, din l-interpretazzjoni tmur kontra l-għan tar-Regolament Nru 139/2004, li huwa intiż, kif jirriżulta mill-premessa 34 ta' dan tal-aħħar, li jiżgura kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet li għandhom dimensjoni Komunitarja billi jobbliga lill-impriżi jinnotifikaw minn qabel il-konċentrazzjonijiet tagħhom u billi jipprovdi li l-implimentazzjoni tagħhom tiġi sospiża sal-adozzjoni ta' deċiżjoni finali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Ernst & Young, C-633/16, EU:C:2018:371, punt 42).

109 Issa, billi ċċaħħad lill-Kummissjoni mill-possibbiltà li toħloq distinzjoni, permezz tal-multi li hija timponi, bejn is-sitwazzjonijiet previsti fil-punti 102 u 106 ta' din is-sentenza, jiġifieri, minn naħa, dik fejn l-impriża tosserva l-obbligu ta' notifika, iżda tikser l-obbligu ta' sospensjoni u, min-naħa l-oħra, dik fejn din l-impriża tikser dawn iż-żewġ obbligi, l-imsemmija interpretazzjoni ma tippermettix li jintlaħaq dan l-għan, sa fejn il-ksur tal-obbligu ta' notifika qatt ma jista' jkun is-suġġett ta' sanzjoni speċifika.

110 Barra minn hekk, l-istess interpretazzjoni tneħħi kull effett utli mill-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 139/2004, peress li, kif tirrikonoxxi l-appellanti stess, ma teżisti ebda sitwazzjoni, ħlief dik prevista mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, li fiha din id-dispożizzjoni tkun tista' tapplika. Sa fejn l-interpretazzjoni tal-appellanti twassal, f'dan ir-rigward, sabiex tikkontesta l-validità tal-istess dispożizzjoni, għandu jiġi enfasizzat, hekk kif il-Qorti Ġenerali rrilevat fil-punt 306 tas-sentenza appellata, u mingħajr ma dan ġie kkontestat mill-appellanti, li hija ma qajmet ebda eċċezzjoni ta' illegalità quddiem il-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-Artikolu 14(2)(a) ta' dan ir-regolament.

111 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kellha raġun tqis li l-Kummissjoni setgħet timponi żewġ multi distinti skont, rispettivament, l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament.

112 It-tieni nett, fil-punti 351 sa 358 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat u ċaħdet l-argument tal-appellanti, li jgħid li l-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jikkostitwixxi l-ksur l-iktar speċifiku, li jinkludi l-ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament.

113 Għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali essenzjalment ibbażat ruħha fuq il-konstatazzjoni, li tinsab fil-punt 352 tas-sentenza appellata, li ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa ksur instantanju, filwaqt li ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament huwa ksur kontinwu, li jibda jiddekorri fl-istess mument meta jitwettaq il-ksur tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament.

114 Fil-punti 353 sa 356 tas-sentenza appellata, hija ddeduċiet li, fid-dawl tat-termini ta' preskrizzjoni differenti li japplikaw għat-teħid ta' azzjoni kontra dawn iż-żewġ tipi ta' ksur, l-interpretazzjoni sostnuta mill-appellanti jkollha bħala konsegwenza li tagħti vantaġġ lil impriża li tikser kemm l-obbligu ta' notifika kif ukoll l-obbligu ta' sospensjoni, meta mqabbla ma' impriża li tikser biss l-obbligu ta' sospensjoni.

115 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-appellanti, id-distinzjoni kkonstatata, ġustament, mill-Qorti Ġenerali, bejn il-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004, li jikkostitwixxi ksur instantanju, u l-ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, li huwa ksur kontinwu, hija rilevanti għall-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk waħda minn dawn iż-żewġ istanzi ta' ksur għandhiex tiġi kklassifikata bħala "iktar speċifika" u, għaldaqstant, jekk waħda tistax tinkludi lill-oħra.

116 Barra minn hekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 100 sa 111 ta' din is-sentenza, l-argument tal-appellanti li jgħid li l-istess distinzjoni ma tippermettix lill-Kummissjoni timponi sanzjonijiet kumulattivi huwa, fi kwalunkwe każ, infondat.

117 It-tielet nett, l-argument tal-appellanti li jgħid li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' konkors ta' istanzi differenti ta' ksur, kif jirriżulta mid-dritt internazzjonali u mill-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri, lanqas ma jista' jintlaqa'.

118 Fil-fatt, anki jekk jitqies li dan il-prinċipju huwa rilevanti f'dan il-każ, kif iddeċidiet ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punti 372 u 373 tas-sentenza appellata, fl-assenza, fir-Regolament Nru 139/2004, ta' dispożizzjoni li hija "applikabbli prinċipalment", kif jirriżulta mill-punti 100 sa 111 ta' din is-sentenza, dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

119 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

120 Peress li ebda waħda mill-partijiet imqajma mill-appellanti insostenn tat-tieni aggravju ma ġiet milqugħa, hemm lok li dan l-aggravju jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

***Fuq l-aggravju ġdid imqajjem waqt is-seduta***

*L-argumenti tal-partijiet*

121 Permezz ta' aggravju ġdid imqajjem waqt is-seduta, l-appellanti bbażat ruħha fuq l-Artikolu 277 TFUE sabiex tinvoka l-illegalità tal-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 139/2004.

122 Hija ssostni, f'dan ir-rigward, li l-Artikolu 14(2)(b) tar-Regolament Nru 139/2004 jikkostitwixxi l-bażi legali li tippermetti li jiġi ssanzjonat il-ksur kemm tal-Artikolu 4(1) kif ukoll tal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, b'tali mod li ma hemm ebda raġuni sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(2)(a) tal-imsemmi regolament.

123 Il-Kummissjoni tqis li dan l-aggravju ġdid huwa inammissibbli.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

124 Permezz tal-aggravju l-ġdid tagħha, imqajjem waqt is-seduta, l-appellanti teċċepixxi l-illegalità tal-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 139/2004.

125 F'dan ir-rigward, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 110 ta' din is-sentenza, mill-punt 306 tas-sentenza appellata jirriżulta li, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti ma qajmitx eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni.

126 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk parti titħalla tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja aggravju li hija ma tkunx invokat quddiem il-Qorti tal-Ġenerali, dik il-parti tkun qiegħda titħalla tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fejn jidħol appell hija limitata, kawża iktar estiża minn dik imressqa quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-kuntest ta' appell, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija fil-fatt limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi diskussi quddiem il-Qorti Ġenerali (sentenzi tad-19 ta' April 2012, Tomra Systems *et* vs Il-Kummissjoni, C-549/10 P, EU:C:2012:221, punt 99, kif ukoll tat-3 ta' Lulju 2014, Electrabel vs Il-Kummissjoni, C-84/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2040, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

127 Konsegwentement, l-aggravju l-ġdid invokat mill-appellanti għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

128 Peress li ebda wieħed mill-aggravji mqajma mill-appellanti insostenn tal-appell tagħha ma ġie milqugħ, hemm lok li dan l-appell jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

129 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tal-imsemmija Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni talbet il-kundanna tal-appellanti u din tal-aħħar tilfet fl-aggravji tagħha, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-appell huwa miċħud.**

**2) Mowi ASA hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem